MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2007

Avviz Numru. 408/2005

**BIM Limited (C475)**

**Vs**

**Sign Design Limited (C25310)**
**u Basement Design Limited (C12581)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dawk konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati li jhallsu it-tnejn flimkien jew minn minnhom jigi hekk ordnat jaghmel, is-somma ta' elfejn hames mija u disa' Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm2509.88) lis-socjeta' attrici, rapprezentanti prezz ta' xoghol u materjal lillhom provdut u mahdum fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjes tal-avviz u dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru 2004 u bl-imghax mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjetajiet konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Sign Design Limited (fol 12 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni proposta mis-socjeta' attrici hija preskritta taht id-dispozzizjonijiet tal-artikoli 2148(b) u 2149(a) tal-Kap 16 tal-Lijiet ta' Malta.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-eccipjenti ma hix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici kif rivolta fil-konfront tal-eccipjenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici bhala infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-ammont reklamat mhux dovut mis-socjeta' eccipjenti, izda se mai mis-socjeta' konvenuta Basement Design Limtied, u dan ghal ragunijiet illi ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat, ukoll, dik tas-socjeta konvenuta Basement Design Limited (fol 13 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi huma qatt ma gew notifikati bl-avviz 408/05JAB – saru jafu biss b'din il-kawza ghax gew informati bid-data mill-konvenut l-iehor. Ghalhekk ghad trid issir in-notifika tal-avviz.
2. Illi intant it-talbiet attrici huma preskritti. Il-konvenut qed jecepixxi is-segwenti preskrizzjoni:

Art 2148(a) preskrizzjoni ta' 18 il-xahar ("locksmiths, trade or mechanical art")
Art 2149© preskrizzjoni ta' sentejn (profession or liberal art)
Art 2156(f) preskrizzjoni ta' hames snin.

3. Salv eccezzjonijiet ohra wara li l-konvenuti jigu formalment notifikati bl-avviz li fil-fatt ghadu mhux notifikat.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 14 u a fol 36 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2007 (fol 36 ibid), l-Avukati tas-socjeta attrici u dik konvenuta, "Basement Design Limited" informaw lill-Qorti li din il-kawza giet transatta u anke kienu nhargu "cheques' in konnessjoni ma pagamenti. Difatti din it-transazzjoni kienet giet inkorporata fi skrittura privata maghmula u miftehma bejn il-partijiet kollha, liema skrittura tinsab esebita a fol 38 ibid. L-istess partijiet xtaqu illi a bazi ta' din it-transazzjoni bil-miktub tinghata sentenza minn din il-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' nota presentata mis-socjeta attrici (ara fol 39 ibid) din is-socjeta cediet l-atti ta' din il-kawza fil-konfront tas-socjeta konvenuta "Sign Design Limited, biss "filwaqt li zammet ferm fil-konfront … " tas-socjeta konvenuta l-ohra.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk din il-Qorti ser tipprocedi sabiex taghti sentenza, a basi tat-transazzjoni bil-miktub, fil-konfront "Basement Design Limited".

Ghal dan il-motivi l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzoni ulterjuri tal-kaz in rigward is-socjeta "Sign Design Limited" u a bazi tal-ammissjoni maghmula mis-socjeta Basement Design Ltd tikkundanna lis-socjeta "Basement Design Limtied" sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm2509.88 liema hlas ghandu jinqasam f'hames (5) pagamenti kif ser jinghad:-

a) L-ewwel pagament ta’ Lm509.88 skond kif dikjarat fl-istess skrittura sar fit-22 ta’ Novembru 2006 permezz ta’ cekk;
b) It-tieni pagament ammontanti ghal Lm500 ghandu jsir sal-31 ta’ Marzu 2007;
c) It-tielet pagament ta’ Lm500 ghandu jsir sat-30 ta’ Gunju 2007;
d) Ir-raba’ pagament ta’ Lm500 ghandu jsir sat-30 ta’ Settembru 2007;
e) L-ahhar pagament ta’ Lm500 ghandu jsir sal-31 ta’ Dicembru 2007.

Skond kif qablu l-istess partijiet f’kaz li s-socjeta konvenuta “Basement Design Limited” tonqos anke biss f’pagament wiehed, hija titlef kull beneficcju tat-terminu u l-bilanc kollu jigi dovut minnufih.

In rigward imghax, is-socjeta attrici ma hiex qed tinsisti ghalih u b’hekk ma hux dovut l-ebda imghax. In rigward l-ispejjes kollha, dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------